MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 37**

**It-Tnejn, 17 ta' Jannar, 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar it-Tnejn, 17 ta' Jannar, 2022, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku (daħlet fis-6.10pm)
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjh6eda l-laqgħa.

**37.1 Talba**

37.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**37.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**37.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

37.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 36 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

37.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti. Ma saret l-ebda talba biex issir korrezzjoni.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

37.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

**37.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

37.4.1 Is-Sindku Saviour Borg ġibed l-attenzjoni li l-laqgħa ta' Diċembru, 2021 ma saritx minħabba l-pandemija tal-Covid19 u peress li kien hemm sitwazzjoni li ma kienx hemm kontroll fuqha.

37.4.2 Is-Sindku qal li rigward il-proġett WiFi4EU, il-Kunsill ser jibbenefika minn €15,000.00 minn fondi tal-Unjoni Ewropea fejn b'dan il-fond jistgħu jsiru diversi *points* madwar il-lokalità fejn ikun hemm *wifi* b'xejn għall-pubbliku. Is-Sindku qal li kellu *site inspection* nhar l-4 ta' Jannar, 2022, mal-persuni nkarigati mill-proġett u sar qbil li dawn il-*points* għandhom ikopru d-dawra tal-Kunsill, madwar il-Knisja Parrokjali u l-*playing field* u mad-dawra ta' Pjazza l-Għejun. Ġie maħsub ukoll għal meta titkompla l-aħħar fażi tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal li biex isiru dawn il-*points* irid ikun hemm is-servizz tal-elettriku u għalhekk ser jintuża l-metre tal-Kunsill kif ukoll dak li għandna fi Pjazza l-Għejun. Kien hemm qbil.

37.4.3 Is-Sindku qal li attenda għall-aħħar laqgħa tar-Reġjun Għawdex li saret fil-Lukanda Cornucopia fix-Xagħra.

37.4.4 Is-Sindku Saviour Borg qal li l-kunsill ipparteċipa fil-kampanja tal-Milied Ifraħ u Ferraħ fejn tqassmu rigali ta' kotba lit-tfal Għawdxin sal-età tal- Form1. Din saret permezz ta' FSWS ġewwa Għawdex. It-tqassim tal-kotba sar mis-Sala tal-Komunita' nhar qit-22 ta' Diċembru u attendew hu u l-membru Horace Micallef.

37.4.5 Is-Sindku qal li rigward l-iskema Finanzjament ta' Proġetti Kapitali Aċċessibilità u Mobilità tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill irċieva €19,380.00. Dan l-ammont hu 75% tal-proġett. Dawn il-fondi ser jintużaw biex tinxtara *electric van.*

37.4.6 Rigward l-iskema 'Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex', mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Sindku qal li l-Kusill ser jibbenefika minn €28,670.48 u f'Diċembru, 2021 il-Kunsill irċieva €21,502.86 li hi parti mill-ammont approvat.

37.4.7 Is-Sindku Saviour Borg qal li għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Fontana, attendew hu u l-membri Horace Micallef u Carmel Farrugia u l-iskrivana tal-Kunsill, Miriam Muscat. Saret quddiesa fil-festa liturġika ta' Sant'Indrija fit-30 ta' Novembru 2021, u wara sar it-tqegħid ta' kuruni mis-Sindku fil-preżenza tal-Kunsilliera quddiem il-monumenti tas-Sajjieda, dak tal-Logħob tan-Nar u n-niċċa storika tas-Salvatur.

37.4.8 Is-Sindku Saviour Borg qal li saret il-laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija, nhar l-20 ta' Diċembru, 2021 fis-sala tal-Komunità tal-Kunsill.

37.4.9 Dwar iċ-*charging pillars*, is-Sindku qal li tant il-Kunsill ma jkunx imdaħħal li saret waħda fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi u l-Kunsill ma ġiex infurmat meta ser issir. Hu minnu li ż-żona tiġi ssuġġerita mill-Kunsill iżda d-deċiżjoni ta' fejn titpoġġa ma tkunx tal-Kunsill iżda tkun tiddependi mill-infrastruttura eżistenti fil-lokal. Is-sindku informa lill-kunsill li Ta' Pjazza l-Għejun għadha ma saritx minkejja li l-permess għaliha nħareġ f'Settembru 2021.

S.Borg

37.4.10 Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-Milied tqassmu 21 ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom. Għal din l-attività attendew hu bħala Sindku u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.

37.4.11 Is-Sindku informa li ltaqa' mal-Perit Johan Camilleri dwar ix-xelter ta' Pjazza l-Għejun fejn hu propost li tinfetaħ il-bokka li hemm għal Trejqet ix-Xagħri kif kienet oriġinarjament. .

37.4.12 Is-Sindku Saviour Borg għarraf lill-membri li waslu l-boroż tar-*re-cycling* għall-ġabra li ssir nhar ta' Tlieta.

37.4.13 Rigward l-attività 'On the Road', is-Sindku għarraf lill-membri li ġew preparati l-captions tar-ritratti magħżula, tnejn mill-membru Jonathan Cefai u sitta saru mill-iskrivana tal-Kunsill b'kollaborazzjoni mas-Sindku.

37.4.14 Is-Sindku Saviour Borg għarraf lill-membri li fuq direttiva tad-Dipartiment għal Gvern Lokali, infetaħ kont mal-BOV sabiex ikun jagħmel tajjeb għal-muniti li ma jkunux jistgħu jiġu depożitati mill-Kunsill. Dan minħabba l-fatt l-l-BOV m'għadux jaċċetta depożiti li jkollhom muniti inklużi fihom.

37.4.15 Is-Sindku ppropona li ż-żurżieqa tal-*playing field* titneħħa minħabba li ilha hemm mill-ftuħ tal-Kunsill fl-1991 u amke għar-raġunin minħabba li l-playhouse li ġiet installata s-sena l-oħra tinkludi diversi żrieżaq. Il-membri qablu.

37.4.16 Rigward il-qtugħ tal-ħaxix u l-knis, fejn hemm il-bżonn qed isir minn Joseph Cauchi sakemm jiġi ngaġġat l-*General Hand.* Il-Kunsill qabel.

37.4.17 Is-Sindku ppropona li l-laqgħa annwali tal-lokalità għandha tinżamm qabel il-laqgħa tal-Kunsill li għandha ssir fi Frar 2022. Kien hemm qbil.

37.4.18 Is-Sinkdu għarraf lill-membri li billi l-Kunsill kien iddeċieda li joħroġ offerta ġdida għax-xogħlijiet ta' Triq il-Għajn u issa rċieva ittra mingħand MB&C Advocates, datata 8 ta' Novembru, 2021, kellu jintalab il-parir tal-Av. Chris Said. Il-Kunsill staqsa lill-Avukat jekk il-kontenut tal-ittra jorbotx lill-Kunsill milli joħroġ l-offerta kif maqbul. L-avukat wieġeb li l-Kunsill jista' jibqa' għaddej bil-proċess tal-ħruġ tal-offerta.

**37.5 Iffirmar tal-kuntratt ta' devoluzzjoni tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja għall-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku mal-awtorità tal-artijiet**

37.5.1 Is-Sindku qal li s-Sin. Catherine Fenech mill-Awtorità tal-Artijiet bagħtet il-kuntratt tad-devoluzzjoni biex jiġi ffirmat min-naħa tal-Kunsill. Il-kera ser tkun ta' €1,030 kull sena u jiġġedded kull ħames snin. Is-Sindku ppreżenta l-pjanta tal-fond kif inhu u talab li jekk il-membri jaqblu, dan jiġi ffirmat u jintbagħat lill-Awtorità tal-Artijiet biex jiġi ffirmat ukoll min-naħa tagħhom. Il-membri preżenti qablu. Dawn kienu is-Sindku, u l-kunsillieri Horace Micallef, Jonathan Cefai u Carmel Farrugia.

37.5.2 Il-membru Horace Micallef issuġġerixxa jekk 'il quddiem it-tlett postijiet jistgħux isiru li l-kera tagħhom tkun tagħlaq u tiġġedded fl-istess data u jsir kuntratt wieħed. Is-Sindku qal li dan jista' jintalab lill-Awtorità tal-Artijiet, iktar 'il quddiem.

37.5.3 Is-Sindku qal li l-iffirmar ta' din id-devoluzzjoni hu fatt storiku għal dan il-Kunsill. Il-Kunsill ilu 25 sena jipprova jakkwistaħ permezz tad-devoluzzjoni meta fuq proposta tiegħu fl-

S Borg

1997 il-Kunsill beda l-proċess għal dan il-għan. Is-Sindku qal li llum hu jum imporanti għal-lokalità tal-Fontana peress li permezz ta' dan il-fond li ilu 51 sena esproprijat, ser tkun tista' titkompla l-aħħar fażi tal-proġett tal-Bini taċ-Ċentru Ċiviku billi jinbena l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u jiżdied l-ispazju miftuħ għall-pubbliku li jgħaqqad iz-zuntier mall-playingfield. Is-Sindku żied jgħid li hu ta' unur kbir għalih li ser jiffirmah u jħoss li dan hu wieħed mill-akbar għanijiet u l-qofol li hu ħadem għalih kemm ilu fil-Kunsill, biex il-Fontana tieħu dak li jixirqilha. Huwa qal li issa l-istorja qed tagħmel ġustizzja miegħu ta' kemm tħabat biex dan il-fond ma jintilifx. Qal li dam snin twal tiela' u nieżel mill-Qorti waħdu biex ma jintilifx jew jiġi akkwistat minn ħaddieħor tant li kien hemm talba biex dan il-fond u dak ta' 191 fi Triq il-Għajn jiġu akkwistati mill-persuni li kellhom il-kartà tal-identità fuqhom. Fil-bidu kien jitla' bħala xhud imressaq mid-Dipartiment tal-Artijiet u mbagħad kien propona li l-Kunsill jidħol fil-kawża. Is-Sindku kwota dak li ntqal fil-Qorti meta kien jitla' jagħti x-xhieda tiegħu dwar dan il-każ, minn Avukat li kien f'din il-kawża li qal "*...he is a nightmare...*", u kien qed jirreferi għalih bħala Sindku tal-Fontana. F'dokument ieħor tal-istess Qorti inkiteb li hu, bħala Sindku, hu l-*factotum* tal-proġett. Is-Sindku nnota wkoll li l-ħames Kappillan li kien hawn fil-Fontana, Mons. Lawrenz Xerri, li kien Kappillan aktar minn ħamsin sena ilu, għadu jinteressa ruħu u jistaqsih fuq din id-devoluzzjoni u f'hiex wasal il-proġett li l-art marbuta miegħu kienet ġiet esproprijata mill-gvern fi żmien il-parrokat tiegħu. Hu qal li l-aħħar li staqsieh dwar is-sitwazzjoni kien fl-aħħar tas-sena meta skambjaw l-awgurji tal-Milied u s-sena l-ġdida.

### 37.6 Aġġornament fuq il-Belvedere f'Ta' Mulejja

37.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-5 ta' Diċembru 2021, hu personalment poġġa r-replika għal-kontro protest fil-Qorti ta' Għawdex, rigward il-belvedere ta' Triq ta' Mulejja li sar mill-Ministeru għal Għawdex.

### 37.7 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett ta' tisbieħ bil-porfido

37.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol tal-porfido lest u issa kemm baqagħlu jitnaddaf u jinħasel. Hemm bżonn li ssir roqgħa *patching* bit-tarmac bejn Triq Ta' Mulejja u ż-żona tal-porfido. Il-membri qablu li dan isir mill-istess kuntrattur.

37.7.2 Minn naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA), il-Kunsill ġie mistoqsi f'liema fażi wasal il-proġett. Il-Kunsill għarraf lill-PA li dan ix-xoħgol kien ser ikun lest sal-aħħar tal-2021. Intbagħtu wkoll ritratti li juri x-xogħol li sar.

37.7.3 Korrispondenza oħra mill-Awtorità tal-Ippjanar fejn Enzo Cachia informa li l-Kunsill irid iqabbad lill-Perit responsabbli sabiex jiċċertifika l-proġett u jipprovdi kopji tal-pagament u l-irċevuti fiskali biex finalment ikun jista' jiġbor il-fondi allokati mill-PA għal dan il-proġett.

### 37.8 Ħruġ ta' offerti

37.8.1 Is-Sindku rrimarka li dan l-aħħar ġew ingaġġati diversi persuni li jieħdu ħsieb u jagħtu pariri fuq diversi oqsma lill-Kunsilli Lokali mir-Reġjun Għawdex. Is-Sindku ssuġġerixxa li tintalab l-għajnuna tar-Reġjun Għawdex sabiex jekk il-Kunsill hu intitolat għal din l-għajnuna, jagħmel użu minn dan is-servizz biex jinħarġu l-offerti tax-xiri tal-vann u x-xogħol maħsub għal-*playing field*. Jekk imbagħad mhux intitolat, il-Kunsill ikollu joħroġ l-offerti għas-spejjeż tiegħu. Il-membri qablu li sssir din it-talba.

**37.9 Tiġdid tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku**

37.9.1 Is-Sindku Saviour Borg qal li fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun staqsa lill-President tar-Reġjun, fir-rigward tat-tiġdid tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku. Il-parir kien li l-kuntratt għandu jiġi mġedded xahar xahar peress li l-pjan hu li sal-aħħar tas-sena r-Reġjin ta' Għawdex ser joħroġ il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart.

37.9.2 Il-membri qablu li dan jibda jiġi mġedded xahar xahar hekk kif ingħata dan il-parir.

37.9.3 Fuq din il-materja, il-Kunsill irċieva wkoll il-parir tad-Dipartiment għal Gvern Lokali permezz ta' korrispondenza li tgħid li ma tinstab ebda' oġġezzjoni li dan jiġi estiż sal-aħħar tal-2022 xahar b'xahar. Dan sakemm jingħata l-kuntratt il-ġdid fuq bażi reġjonali.

**37.10 Aġġornament dwar il-proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

37.10.1 Billi l-unika persuna li kienet eleġibbli bagħtet l-applikazzjoni tagħha permezz ta' emejl u l-avviż għal dan il-post kien jitlob li 'l-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelopp issiġillat' u l-bord kien ħa l-parir li nħareġ mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment għal Gvern Lokali, biex ma tiġix aċċettata, fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill li saret fis-26 ta' Novembru 2021, kien ġie deċiż li jiġi approvat ir-rapport tal-Bord tal-Għażla u terġa' tinħareġ sejħa oħra u li l-membri tal-bord tal-għażla jibqgħu l-istess.

37.10.2 Sadanittant, fit-2 ta' Diċembru, 2021, id-Direttur Ġenerali, Natalino Attard, bagħat emejl fejn qal wara li l-kandidata eliġibbli bgħatet kjarifika lid-Dipartiment għal Gvern Lokali, u għall-fatt li diġa serviet bħala Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill, hu talab sabiex tiġi msejħa għall-intervista għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv u r-rapport tal-Bord tal-Għażla jiġi rivedut. Kopja ta' din l-emejl mehmuża.

37.10.3 Minħabba li sar ir-rapport tal-Bord tal-Għażla u diġà saret l-approvazzjoni tiegħu mill-Kunsill fis-26 ta' Novembru, 2021 il-Kunsill iqis li dan il-każ huwa magħluq u għalhekk se tintbagħat din ir-risposta lid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali. Kien hemm qbil.

**37.11 Sitwazzjoni tal-Għajn ta' Bendu (waqa' parti mis-saqaf tagħha)**

37.11.1 Is-Sindku Saviour Brog għarraf lill-membri li fil-11 ta' Jannar, 2022, waqa' parti mis-saqaf tal-Għajn ta' Bendu. Żied jgħid li t-travi inbidlu 26 sena ilu fi żmien il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Anton Tabone, wara talba li kien għamel l-ewwel Kunsill Lokali tal-Fontana. Jista' jkun li t-travu tgħerra bl-ilma u saritlu l-ħsara bil-konsegwenza li ma baqgħax jiflaħ is-saqaf peress li fir-ras tiegħu fejn kien imdaħħal fil-ħajt jidher li ma kienitx saritlu l-ebda protezzjoni. Minn barra t-travi għadhom jidhru qishom ġodda u ma kien hemm ebda sinjal li dan it-travu kellu xi ħsara.

37.11.2 Is-Sindku qal li ntalbet l-għajnuna tal-Pulizija sabiex jagħlqu l-post bit-*tap*e u bil-*barriers*, però l-Pulizija ma ridux jagħmlu l-barriers huma għax qalu li jekk jinqala' xi ħaġa jiġu responsabbli huma. Qal li tkellem mal-kunsillier Horace Micallef u dritt inġabu l-*barriers* minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Is-sindku kompla jgħid li sakemm tniżżlu l-barriers, sab lill-Pulizija jagħmlu t-*tape*.

37.11.3 Fuq il-post issejjaħ il-Perit John Saliba li kien responsabbli mir-restawr li sarilha fl-2010, u nqata' d-dawl minn naħa tal-Enemalta. Il-Perit ser jara fuq it-tlett travi l-oħra u saret applikazzjoni b'urġenza mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex isir ix-xogħol li hemm bżonn peress

li din l-Għajn hija skedata Grad 1. L-Awtorità tal-Artijiet ukoll ser tiġi infurmata b'dak li jrid isir fir-rigward ta' tiswija u xogħljiet minħabba li dan huwa mniżżżel fil-kuntratt tad-devoluzzjoni ta' din l-Għajn Is-Sindku ppropona li ssir talba biex naraw jekk jistgħux jiġu provduti ħaddiema minn naħa tad-Direttorat tal-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex malli jinħareġ il-permess ta' emerġenza, jkun jista' jinbeda x-xogħol ta' restawr u li l-materjal u spejjeż oħra joħroġhom il-Kunsill. Il-membri qablu.

**37.12 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

37.12.1 Tresqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward Direttiva 02/2020 dwar Depożitu ta' Flus fil-Banek.

37.12.2 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward SPI/SCI/7/2020 – Espressjoni ta' Interess Smart Solution għall-Immaniġjar tal-Iskart. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-applikazzjoni li ġiet sottomessa ġiet meqjusa mhux eliġibbli mill-Bord tal-Evalwazzjoni. Din mhix eliġibbli skont Artiklu 6.2 u 6.9 /6.9. Din kienet l-applikazzjoni sottomessa biex jinxtraw *smart-bins.*

37.12.3 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward it-tiġdid tal-liċenzji tal-ħwienet fejn il-Kunsilli ġew mgħarrfa li dawn ser jibda t-tiġdid tagħhom għal din is-sena.

37.12.4 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn intalbet *siteplan* tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsilli Lokali. Din saret mill-perit Gordon Vella.

37.12.5 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn ġie approvat l-avviż li ser jinħareġ għas-sejħa tal-impjieg ta' *General Hand* mal-Kunsill.

37.12.6 SPI/SCI/9/2021 dwar skema għall-Attivitajiet Kulturali 2022.

37.12.7 SPI/SCI/2/2021 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Intbagħat il-kuntratt iffirmat mis-sindku u d-deputat segretarju eżekuttiv fir-rigward tal-fondi li ngħataw lill-Kunsill.

37.12.8 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward lista ta' offerti maħruġa mill-Kunsill.

37.12.9 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward ċirkulari 6/2021 maħruġa mit-Teżor rigward *Cash flow Projections* 2022.

37.12.10 PQ 23454 rigward attivitajiet lill-anzjani tal-lokalità. Intbagħtet ir-risposta għal din il-Mistoqsija Parlamentari.

37.12.11 PQ 158 intbagħtet ir-risposta għal din il-Mistoqsija Parlamentari.

37.12.12 PQ 161 rigward proġetti li saru f'dak li għandu x'jaqsam ma' *playgrounds* tat-tfal. Intbagħtet ir-risposta għal din il-Mistoqsija Parlamentari.

37.12.13 PQ 23581 rigward l-aċċessibiltà tal-latrini pubbliċi. Intbagħtet ir-risposta għal din il-Mistoqsija Parlamentari.

37.12.14 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward inventarju tal-apparat tan-*network* fejn il-Kunsilli ser jiġu assistiti fir-rigward tal-infrastruttura tan-*network* li tkun tilqa' kull sistema diġitali.

37.12.15 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward *EU Funds Networking Event* organizzata mis-servizzi Ewropej f'Malta nhar is-7 ta' Diċembru, 2021.

37.12.16 Ċirkulari 01/2022 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2022. L-allokazzjoni għal din is-sena hi ta' €187,720.00.

37.12.17 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward *Award of Precarious Service Contracts: 2022, 2023 and 2024 Rates.*

37.12.18 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward Ċirkulari numru 19-22/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

37.12.19 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward lista tas-servizzi.gov hubs. Il-hub ta' Għawdex jinsab fi Triq Enrico Mizzi fir-Rabat.

37.12.20 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward l-*aged creditors balance* 31/12/2021.

37.12.21 Korrispondenza mill-Uffiċċju tal-President fejn ġew offruti żewġ biljetti għall-Kunċert tal-President fl-okkażjoni tal-Ewwel tas-Sena.

37.12.22 Ċirkulari AKL 2021/119 – *Christmas Get together* 11/12/2021.

37.12.23 Ċirkulari AKL 2022/007 – Tabelli *No Parking* (Permessi Kunsilli Lokali).

37.12.24 Ċirkulari AKL 2021/125 AKL Webinar – Infosession – Cultural and Heritage 02/12/2021.

37.12.25 Korrispondenza mill-*events team* fi ħdan il-Minsiteru għal Għawdex rigward l-attivitajiet li ser isiru f'Għawdex matul il-ġranet tal-festi tal-Għid, 2022.

37.12.26 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex rigward festin tal-Milied għas-Sindki, l-membri tal-Kunsilli u s-Segretarji Eżekuttivi.

37.12.27 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex rigward l-estensjoni tal-iskema Reġjonali – Ambjent u Kultura 2021. Il-Kunsill għarraf lir-Reġjun Għawdex li l-fondi minn dawn l-iskemi ser jintużaw għal xiri u installazzjoni ta' żewġ fanali kbar għaz-zuniter tal-knisja parrokjali, għat-tkomplija tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku u għat-twaħħil ta' 26 fanal b'lampi LED f'diversi toroq tal-lokalità.

37.12.28 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex rigward l-estensjon tal-iskema Reġjonali – Parks, Ġonna u Spazji Pubbliċi – 2021.

37.12.29 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex rigward ħolqien ta' masġar b'rabta mal-Proġett Life Terra.

37.12.30 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex sabiex jinġabru djarji għas-sena 2022 mibgħuta mill-AKL lill-Kunsilli Lokali.

37.12.31 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex rigward il-laqgħa tar-Reġjun Għawdex Nru 106, nhar il-Ħamis, 16 ta' Diċembru, 2021 fis-6.30pm.

37.12.32 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex rigward stedina għaċ-Ċerimonja tal-Inawgurazzjoni tal-Mandat u l-Għoti tal-Ġurament tal-President Reġjun Għawdex – 21.01.022 fis-7pm.

37.12.33 Korrispondenza mingħand l-*Gozo Tourism Association* rigward il-'Gozo Tourism Awards, 2021'.

37.12.34 Tressqet korrispondenza mingħand l-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali rigward ir-rapport fuq il-ħidma tal-Gvern Lokali għas-sena 2020.

37.12.35 Tressqet korrispondenza mingħand l-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali rigward awditjar fuq il-qligħ minn permessi u *byelaws*.

37.12.36 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal Kummerċ rigward SME Fund 2022.

37.12.37 Korrispondenza mingħand Transport Malta fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li r-rotta 330 tat-trasport pubbliku ġiet sospiża mid-9 ta' Jannar, 2022, minħabba li xi xufiera jinsabu kwarantina u dan qed jirriżulta f'nuqqas ta' xufiera disponibbli sabiex jingħata s-servizz skont ir-rotot.

37.12.38 Korrispondenza mingħand l-Av. Jean Paul Grech rigward il-pagament ta' €992.63 li jrid isir lill-Kunsill minn naħa ta' Anthony Cassar għall-kawża Anthony Cassar vs Kummisarju tal-Artijiet, deċiża fis-17 ta' Marzu, 2021.

37.12.39 Korrispondenza mingħand il-Wasteserv rigward il-BOQ tal-ġbir tal-iskart domestiku għas-sena 2022 li fuqu tinħadem iċ-ċifra tar-rimbors fuq il-ġbir tal-iskart organiku. Din għandha tintbagħat.

37.12.40 Korrispondenza mingħand is-Supretendent tal-Pulizija fejn ma sabx oġġezzjoni għall-attività organizzata mill-Għaqda Armar Fontana għall-festi tal-Milied.

37.12.41 Korrispondenza mingħand id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-proġett 'Statwi u persuni prominenti jieħdu l-ħajja u jirrakkontaw ġrajjiethom'. Il-Kunsill wieġeb li m'għandniex fil-lokalità.

37.12.42 Korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward *Greening Our Grey Conference* li saret fl-14 ta' Diċembru, 2021.

37.12.43 Korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward avviż ta' twaqqif u ta' twettiq fuq sit fi Sqaq l-Andar rigward bini ta' garaxx bla permess.

37.12.44 Korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward sessjoni online dwar gwida għal użu tal-*mapserver* il-ġdida.

37.12.45 Korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward *online consultation session on the single use of plastic regulations.*

37.12.46 Tressqet korrispondenza mingħand Ambjent Malta rigward sejħa għall-applikazzjonijiet – *Local Council Urban Greening Scheme* 2022.

37.12.47 Tressaq Mandat ta' Sekwestru li l-Kunsill irċieva mingħand il-Qorti t'Għawdex li ġie rikjest minn Gatt Enterprises Ltd. fil-konfront ta' Road Construction Co. Ltd. Dwar dan, is-Sindku għarraf lill-membri li ntalab il-parir tal-Av. Chris Said fir-rigward tal-pagament li kien approvat f'Novembru, 2021, lill-*Little Rock Quarry*. Il-Kunsill staqsa jekk dan b'xi mod jiġix affettwat mill-mandat ta' sekwestru msemmi jew inkella l-Kunsill għandux jibqa' għaddej bil-pagament kif maqbul. Il-Kunsill ingħata parir legali li dan seta' jsir għaliex ma ġiex maħruġ mill-kumpanija sekwestrata.

37.12.48 Tressqet korrispondenza mingħand Luke Said fejn wera x-xewqa li jsiru *clean ups* fil-lokalità. Il-membri qablu li jekk hu possibli jsiru dawn il-*clean ups*. Għalhekk is-sindku ppropona li jiġi nnominati l-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana.

37.12.49 Korrispondenza mingħand il-Perit Teddie Busuttil rigward garanzija bankarja fuq PA/05654/17. Hu għarraf lill-Kunsill li l-bankina tnadfet u għaldaqstant il-membri qablu li l-Kunsill jinnota li l-garanzija tista' tiġi rilaxxata.

37.12.50 Tressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta rigward il-Memorandum ta' ftehim dwar it-tneħħija tal-ħaxix selvaġġ mill-Passaġġi Rurali. Il-Kunsill għadu qed jikkomunika ma' din l-Assoċċjazzjoni rigward żewġ trejqiet rurali li għandhom jiġu inklużi f'dan il-ftehim.

37.12.51 Korrispondenza mingħand l-istudent Ġermaniż, Joschka Schmidt, fejn għarraf lill-Kunsill li mhux ser ikun jista' jaħdem fil-Kunsill minħabba l-pandemija tal-Covid 19. Hu ser ikun qed jaħdem fl-Awstrija.

37.12.52 Tressqet korrispondenza mingħand l-i*Strategic Events Planning and Coordination* rigward il-'Premju Ġieħ l-Artigjanat Malti'.

<u>Ilmenti</u>

37.12.53 Tressaq ilment fuq il-ħmieġ tal-ħamiem fi Triq il-Għajn. Dan intbagħat lit-Taqsima tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Minsiteru għal Għawdex peress li din it-triq taqa' taħt ir-responsabilità tal-gvern ċentrali.

37.12.54 Tressaq ilment sabiex titranġa rampa miksura wara l-'Fontana Cottage Industry'. Is-Sindku ssuġġerixxa li dan l-ilment jintagħat lid-Direttur Ġenerali responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet fil-Ministeru għal Għawdex biex tkun tista' ssir mill-fondi tal-passaġġi rurali.

37.12.55 Il-membru Jonathan Cefai ġibed l-attenzjoni li għandu bżonn li jinqata' l-ħaxix ħażin fi Triq il-Kappillan Hili. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol sar il-ġimgħa li għaddiet. Cefai tenna li taħt il-bankina ta' fejn joqgħod hu għad hemm il-ħaxix ħażin.

37.12.56 Tressaq ilment fuq bozza maħruqa bi Triq San Martin. Il-Kunsill irrapporta din il-bozza lill-Reġjun Għawdex peress li hija LED u għalhekk taqa' taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun.

37.12.57 Tressaq ilment rigward il-periklu kkawżat minn żrar fil-parti ta' fuq nett ta' Triq il-Għajn. Billi din hi arterja prinċipali, il-Kunsill ressaq dan l-ilment lis-sezzjoni tat-tindif fil-Ministeru għal Għawdex.

37.12.58 Tressaq ilment sabiex titranġa bankina billi ssir rampa fi Triq Wied Siekel. Il-Kunsill ser jara x'hemm bżonn li jsir.

37.12.59 Sar rapport lill-Minsiteru għal Għawdex sabiex jitranġaw il-ħofor bil-patching li kien hemm fi Triq il-Għajn.

37.12.60 Sar rapport lis-Supretendent tal-Pulizija rigward tappiera perikolużа if Triq ix-Xlendi. Is-sindku qal li dan il-periklu tneħħa.

**37.13 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**37.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

37.14.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 30/2022 għall-perijodu bejn is-27 ta' Novembru 2022 u s-17 ta' Jannar 2022 li tammonta għal €16,538.10 li ġiet approvata u ffirmata.

**37.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

37.15.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tenjn, 28 ta' Frar, 2022.

Saviour Borg
Sindku

Miriam Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI FONTANA